MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2003

Avviz Numru. 365/2002/1

**Victor Spiteri bhala president ghan-nom u in rapprezentanza tal-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku**

**vs**

**1. Raphael u Maria konjugi Falzon f'isimhom proprju u b'digriet tat-2 ta'Awissu 2002, Dr Martin Fenech gie mahtur kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-minuri Wayne Falzon**

**2. Mark Dimech**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mill-attur nomine fid-29 ta' Mejju 2002 fejn talab lill din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom ihallsu lill-atturi s-somma ta' hamest elef lira (Lm5,000) (kif ridotta ghal skopijiet ta'

kompetenza ) rapprezentanti somma li ghadha dovuta mill-konvenuti wara li Wayne Falzon u Mark Dimech serqu flus u proprjeta' ohra appartenenti lill-assocjazzjoni attrici; u wara li Raphael u Maria konjugi Falzon genituri tal-istess minuri Wayne Falzon naqsu li jiehdu kura u hsieb ta' binhom minuri biex dan is-serq ma jigrix, u dan fit-termini tal-Art.1034 tal-Kap 16 tal-ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tat-8 ta' Mejju, 2002 u tal-mandati ta' qbid u ta' sekwestru prezentati kontestwalment kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet taghha tat-2 ta' Awissu 2002 fejn innominat lil Dr Martin Fenech bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-minuri Wayne Falzon.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-kuratur deputat Dr Martin Fenech fejn eccepixxa:

1. Illi huma ghadhom mhux edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriserva illi jirrispondu f'aktar dettal u precizzjoni fi stadju ulterjuri.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota ta' l-ammissjoni tal-konvenut Mark Dimech tat-22 ta' Ottubru, 2002 u s-sentenza li nghatat fl-istess data fil-konfront ta' l-istess konvenut Mark Dimech.

Rat is-sentenza taghha tad-9 ta' Dicembru, 2002 kontra l-konvenuti Raphael u Maria konjugi Falzon.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.
Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi bis-sentenzi fuq imsemmija l-Qorti ddisponiet il-kawza fil-konfront tal-konvenuti kollha barra Dr Martin Fenech bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta l-interessi ta'

Wayne Falzon u huwa dan il-konvenut illi issa qieghed in gudikat.

Irrizulta mill-provi illi fit-18 ta' Dicembru 2001 sar hold up fil-gabbana tal-bejgh tal-biljetti f'Putirjal li kienet gestita minn Saviour Vassallo. Emanuel Galea, impjegat ma' l-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku li jiehu hsieb l-stock tal-biljetti, esebixxa prospett a fol 32 fejn spjega l-ammont ta' biljetti u flus li nsterqu u dawk illi gew ritornati bil-bilanc hemm indikat.

L-ispettur Angelo Caruana a fol 40 li kien qed imexxi l-investigazzjonijiet xehed illi l-konvenuti cioe' Wayne Falzon u Mark Dimech ammettew l-operat taghhom f'din il-vicenda u tawh ukoll l-arma illi wzaw illi sussegwentement irrizulta illi kienet pistola finta. Gew ritornati xi flus u biljetti. Ttiehdu proceduri kriminali fil-konfront ta' dawn iz-zewg persuni u b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati tat-28 ta' Gunju, 2002 gew misjuba hatja.

Ikkunsidrat:

Fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi l-atturi ppruvaw il-kaz taghhom fil-konfront ta' Wayne Falzon. Il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju aktar u aktar wara x-xhieda ta' l-ispettur Angelo Caruana illi Wayne Falzon kien involut f'din is-serqa u ghalhekk gustament l-atturi ghandhom id-dritt ghar-risarciment tad-danni u flus illi gew misruqa. Il-prospett esebit minn Emanuel Galea a fol 32 ma giex kontestat bhalma *del resto* ma kkontestawx il-kawza la Mark Dimech u lanqas il-genituri ta' Wayne Falzon.

Il-Qorti ma ssib l-ebda raguni l-ghala ghandha tiddubita minn dan il-prospett kif ukoll ix-xhieda moghtija minn Emanuel Galea u l-ispettur Angelo Caruana illi kollha jindikaw illi l-konvenut Wayne Falzon ghandu jwiegeb ghat-talba maghmula mill-atturi, dejjem *in solidum* mal-konvenuti l-ohra Mark Dimech u Raphael u Maria konjugi Falzon.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lil Dr Martin Fenech bhala kuratur deputat tal-minuri Wayne Falzon illi jhallas lill-atturi *in solidum* mal-konvenuti l-ohra s-somma ta' hamest elef lira (Lm5,000) rapprezentanti somma li ghadha dovuta mill-konvenuti wara li Wayne Falzon u Mark Dimech serqu flus u proprjeta' ohra appartenenti lill-assocjazzjoni attrici; u wara li Raphael u Maria konjugi Falzon genituri tal-istess minuri Wayne Falzon naqsu li jiehdu kura u hsieb ta' binhom minuri biex dan is-serq ma jigrix, dan fit-termini tal-Artikolu 1034 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------